## Il-Prim Ministru Robert Abela jzur l-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika

06-11-2020

Il-Prim Ministru Robert Abela, akkumpanjat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni Mario Cutajar, ghamel zjara ufficjali fl-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika. Huwa kien milqugh mill-Awditur Generali Charles Deguara u mid-Deputat Awditur Generali Noel Camilleri.

F'laqgha li saret mat-tmexxija ta' dan l-Ufficcju, li kienet tinkludi wkoll lil Tanya Mercieca, Assistent Awditur Generali fis-Sezzjoni Financial and Compliance; Keith Mercieca, Assistent Awditur Generali fis-Sezzjoni Investigations and Special Audits; u William Peplow, Senior Manager, fis-Sezzjoni Performance Audits, saret diskussjoni fuq il-hidma f'dan l-Ufficcju kostituzzjonali.

F'indirizz virtwali lill-istaff kollu, il-Prim Ministru wera l-apprezzament tieghu ghax-xoghol tajjeb u importanti li jsir f'dan l-Ufficcju. Hu enfasizza l-bzonn li dan l-Ufficcju jhares dejjem l-indipenenza u n-newtralità tieghu biex jibqa' jgawdi l-fiducja ta' kulhadd. Dr Abela ghamel referenza wkoll ghaz-zmien meta kien jiehu parti attiva hafna bhala Membru tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubblici.

Min-naha tieghu, l-Awditur Generali rrikonoxxa li x-xoghol tal-Ufficcju Nazzjonali tal-Verifika, aktar u aktar f'pajjiz zghir bhal taghna fejn kulhadd jaf lil xulxin, xi drabi joffri sfidi kbar. Huwa enfasizza li l-iskop primarju ta' dan l-Ufficcju hu essenzjalment li dawk in-nuqqasijiet li jigu identifikati matul l-audits li jaghmlu jigu indirizzati bl-ahjar u l-iqsar mod possibbli. B'hekk qal li tissahhah dejjem aktar il-governanza tajba fis-settur pubbliku. Huwa stqarr illi matul iz-zmien l-Ufficcju rnexxielu jrawwem team tajjeb, professjonali u kompetenti. Is-Sur Deguara rringrazzja l-istaff kollu ghad-dedikazzjoni u l-hila li dejjem juru fil-hidma taghhom.

L-Awditur Generali qal li ma nistghux ninsistu fuq il-governanza tajba fis-settur pubbliku minghajr ma nippruvaw insahhu dejjem aktar il-governanza tajba gewwa dan l-Ufficcju stess. Huwa qal li l-Ufficcju ressaq bosta proposti biex jissahhah dejjem aktar il-qafas legizlattiv li jirregola x-xoghol tal-NAO – kemm bhala emendi kostituzzjonali kif ukoll bhala emendi ghall-Auditor General and National Audit Office Act (Kap 396).

L-Awditur Generali kkonkluda l-intervent tieghu billi enfasizza l-bzonn fundamentali li tithares b'kull mod possibbli l-fiducja shiha li l-Parlament u c-cittadini taghna ghandhom f'din l-istituzzjoni. Qal li ghal dan il-ghan ix-xoghol kollu li jsir f'dan l-Ufficcju jrid jibqa' jsir dejjem u minghajr ebda eccezzjoni bl-aktar mod oggettiv, gust, indipendenti u professjonali. Hekk biss qal li nistghu nharsu l-fiducja shiha fil-Ufficcju taghna.

Id-Deputat Awditur Generali semma kif il-management u l-istaff tal-NAO huma kommessi li jkomplu bl-implimentazzjoni tal-inizjattivi msemmija fil-Pjan t'Azzjoni tal-Ufficcju 2019 – 2023 li jinkludi fost ohrajn azzjonijiet biex titkejjel ahjar il-prestazzjoni tal-Ufficcju u jissahhu l-efficjenza u l-effettività tieghu, elementi teknici ohrajn tal-Awditjar bhal qafas li jirrigwardja r-riskji kif ukoll azzjonijiet ohra diretti lejn it-tishih tar-relazzjonijiet mal-istakeholders tal-NAO.

Is-Sur Camilleri tkellem ukoll dwar l-isfidi li ghandha l-amministrazzjoni f'dak li jirrigwardja l-bidla tal-metodologija tal-accounting minn cash ghal accruals. Huwa sostna li l-Ufficcju jappoggja dan il-progett ghax jemmen li bit-twettiq tieghu ser ikun hemm iktar kontabilità u trasparenza fit-thaddim tal-finanzi tal-Gvern.



PHOTO : DOI - Jason Borg






PHOTO : DOI - Jason Borg



PHOTO : DOI - Jason Borg



PHOTO : DOI - Jason Borg



Copyright 2014, NAO, Malta